MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 832/2009

**Michael Debono Limited – C-10002**

**vs**

**Marlon Baldacchino et**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Settembru 2009 in forza ta' liema intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u wiehed u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€2,391.46c) rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq bejgh ta' Toyota Corolla bin-numru MDM 100, liema bilanc kien kopert permezz ta' diversi kambjali pagabbli kull xahar fl-ammont ta' mitejn u erbgha u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€244.58c). Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 13 ta' Awissu, 2009, u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ukoll datat 13 ta' Awissu, 2009, u tal-ispejjez kollha

sussegwenti sabiex il-kumpanija taqbad u televa l-vettura in kwistjoni u l-istess spejjez kontra l-konvenuti ingunti minn issa in subizzjoni.
It-Tribunal ra wkoll illi ghalkemm il-konvenuta nghatat l-opportunita diversi drabi sabiex tipprezenta r-risposta formali taghha in kontestazzjoni ghat-talba attrici, hija baqghet ma pprezentat ebda risposta. Ra ukoll li ghalkemm imsejha diversi drabi sabiex tidher kemm fis-seduta tal-lum u kif ukoll dik tat-8 ta' Jannar, 2010, l-konvenuti naqsu li jidhru u wisq anqas ikkontestaw it-talba attrici. Sema' x-xhud Paul Formosa, rapprezentant tas-socjeta' attrici, jixhed bil-gurament tieghu u jispjega kif u ghala l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici kien fil-fatt dovut mill-konjugi Baldacchino. It-Tribunal ezamina wkoll id-dokumenti esebiti mill-istess xhud Paul Formosa fis-seduta tal-lum stess.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jaqta' dan il-kaz billi mill-provi prodotti ghandu jirrizulta illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha u konsegwentament ghalhekk qieghed jikkundanna lill-konvenuti konjugi Baldacchino sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont mitlub fis-somma ta' elfejn, tlett mija u wiehed u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€2,391.46c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza hekk kif rikjesti ukoll a karigu tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------